MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2012

Numru. 596/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR DANIEL ZAMMIT**
**VS**
**MARCEL DINGLI**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Marcel Dingli ta’ 53 sena, bin Mario u Anna Maria nee’ Agius Gilbert, mwieled Sliema nhar it- 23 ta’ Settembru 1958, residenti 32, Victoria Poutiatin Tabone, Sliema u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 613658M ;

Talli ;

1) nhar il- 25 ta’ Mejju 2012 ghal habta tas- 13.00hrs, gewwa Hornworks Dicth, Floriana, volonatarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe hsara fil- vettura EBK 572,

ghad- dannu ta’ Transport Malta u persuni ohra, liema hsara taqbez €116.47 izda mhux €1164.69;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded serjament bil- mezz ta’ karta miktuba jew bil- fomm lil Joe Borg u ufficjali ohra ta’ Transport Malta b’ delitt sew jekk b’ mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl- isem tieghu jew b’ isem maghluq;

3) nhar is- 6 ta’ Gunju 2012, ghal habta tat- 08.00hrs gewwa Triq is- Swieqi, Swieqi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe’ hsara fi propjeta’ tal- kazin tal- Partit Nazzjonalista li jinsab sitwat fl- istess triq, liema hsara taqbez €116.47 izda mhux €1164.69;

4) nhar is- 6 ta’ Gunju 2012 ghal habta tat- 08.30hrs gewwa l- Qasam Industrijail ta’ San Gwann, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe hsara fi propjeta’ tal- kumpanija Group 4 Security ghad- dannu tal- istess kumpanija u persuni ohra, liema hsara taqbez €116.47 izda mhux €1164.69;

5) nhar is- 6 ta’ Gunju 2012 ghal habta tad- 09.15hrs gewwa l- lukanda Coastline, Tul il- Kosta, Naxxar ikkometta serq minn gewwa l- istess lukanda ghad- dannu tal- istess lukanda, sidien u diretturi taghha, liema serq ma jaqbizx il- valur ta’ €232.94;

6) nhar il- 5 ta’ Gunju 2012, ghal habta tad- 09.0hrs gewwa Triq Gulju, San Pawl il- Bahar, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe hsara fi propjeta’ tat- Tribunal Kongunt Tramuntant ghad- dannu tal- istess Tribunal u persuni ohar, liema hsara taqbez €116.47 izda mhux €1164.69;

7) nhar is- 6 ta’ Gunju 2012 ghal habta ta’ 12.00hrs gewwa l- Awtorita’ tat- Djar fi Triq Pietru Floriani, Floriana, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, u cioe hsara fil- vettura LCQ 258, ghad- dannu tal- Awtorita’ tad- Djar u perusni ohra, liema hsara taqbez 116.47 izda mhux €1164.69;

8) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi hedded serjament bil- mezz ta’ karta miktuba jew bil- fomm lil Albert Buttigieg u ufficjali ohra tal- Awtorita’ tad- Djar b’ delitt sew jekk b’ mod anonimu, kemm jekk iffirmat bl- isem tieghu jew b’ isem maghluq;

9) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il- bod ordni u l- paci pubblikua b' ghajjat u glied;
10) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, f' post pubbliku qal kliem oxxen li kien jikkonsisti f' dagha;
11) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza fuq ufficjali tal- Pulizija, li hija vjolenza pubblika, li huma persuni nkarigati skont il- Ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta' ordni moghtija skont il- Ligi mill- Awtorita' kompetenti;
12) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi garr il- barra minn xi fond jew id- dintorni tieghu sikkina jew strument li jaqta' jew bil- ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il- Kummisarju tal- Pulizija;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'din il-kawza, wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 98, 249, 284, 325, 338bb u 338dd tal-Kap 9 u l- Artikoli 6, 51(7) tal- Kap 480 1tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446. Tordna wkoll jinhareg Ordni ta' Trattament ghal tlett (3) snin ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------